MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 605/2009

Eden Entertainment Limited (C 26701).

Vs

Flower Power (Sales) Limited (C13901).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta’ seba mija u seba u tletin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€737.83) minghand is-socjeta’ konvenuta, rapprezentanti ammont dovut ghal servizzi ta’ reklamar rezi lis-socjeta’ konvenuta fuq Bay Radio. Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tas-26 ta’ Jannar 2009 u tal-24 ta’ Frar 2009, u bl-imghax legali mill-15 ta’ Mejju 2008, data ta’ l-ahhar invoice, sal-effettiv pagament, kontra s-socjeta’ konvenuta ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra n-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta' attrici li permezz taghha hija rriduciet it-talba taghha ghal €637.83, stante pagament akkont fil-mori tal-kawza.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u seba u tletin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€637.83), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------